

## **Konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-terminu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG)**

### **Sfond tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG)**

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG) huwa strument ta' finanzjament Ewropew li l-għan tiegħu huwa li jgħin lil ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-impatti negattivi tal-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Il-FEG jifinanzja miżuri biex ħaddiema li ngħataw is-sensja jingħataw l-għajnuna ħalli jsibu impjieg ġdid malajr kemm jista' jkun.

It-terminu globalizzazzjoni huwa marbut ma' bidliet kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji li jaffettwaw l-impjieg bħala riżultat ta':

- Żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' prodotti u/jew servizzi fl-Unjoni Ewropea minn pajjiżi u reġjuni li huma kapaċi jipproduċu prodotti u servizzi bi prezz orfoš;
- Tnaqqis rapidu tas-sehem mis-swieq tal-UE, tal-Istati Membri jew reġjonali f'settur partikolari;
- Iċ-ċaqliq tal-produzzjoni jew it-twassil ta' servizzi (u b'konsegwenza l-impjieg) lejn pajjiżi 'l barra mill-UE.

Sensji marbuta ma' kriżijiet ekonomiċi huma meqjusa bħala dawk li jaffettwaw:

- "lil ħaddiema li ngħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun waqfet minħabba li l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali tkun għada għaddejja [...], jew bħala riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida".

Il-FEG jista' jgħin jekk is-sensji kkawżati b'fatturi ta' dan it-tip – jew tabilħaqq bl-impatt tal-kriżi ekonomika – ikollhom impatt negattiv ħafna fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Finanzjament mill-FEG jista' jintuża biex jappoġġa miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, bħal għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ/edukazzjoni u benefiċċji għall-mobbiltà f'każijiet ta' sensji (fuq skala kbira) mhux mistennija.

Il-FEG ġie stabbilit fl-2006 (ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 stabbilixxa l-FEG għall-perjodu 2014–2020 u ħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Mill-2007 'l hawn, il-FEG ikkontribwixxa aktar minn EUR 560 miljun għal aktar minn 140 każ ta' ristrutturar fl-Istati Membri biex tingħata għajnuna lil aktar minn 130,000 ħaddiem li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba ristrutturar marbut ma' bidliet fit-tendenzi tal-kummerċ dinji u l-globalizzazzjoni jew b'konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja. Aktar informazzjoni dwar l-esperjenza ta' ħaddiema ssensjati li sabu impjegi u opportunitajiet ġodda bl-għajnuna tal-FEG tista' tinstab fuq is-siti elettroniċi li ġejjin: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=326>

Għall-perjodu 2014–2020, l-ammont massimu disponibbli għall-azzjonijiet tal-FEG tnaqqas minn EUR 500 miljun għal EUR 150 miljun kull sena (Din iċ-ċifra hija bbażata fuq il-prezzijiet tal-2011). Permezz tar-Regolament il-ġdid tal-FEG l-għajnuna hija disponibbli għal gruppi ġodda ta' individwi. Fost il-gruppi li bħalissa jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna tal-FEG (f'reġjuni fejn ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh qabżet il-25 % fl-2012 u b'ammonti ugwali għall-benefiċjarji ssensjati li ngħataw għajnuna) hemm żgħażaġh taħt l-età ta' 25 (30 fejn Stat Membru jiddeċiedi li jgħolli l-limitu tal-età) li ma jaħdmux, u mhux qed jieħdu sehem f'edukazzjoni jew f'taħriġ (l-hekk imsejħa NEETs - dawk li mhumiex fl-edukazzjoni, f'impjieg jew f'taħriġ). Il-parti speċifika tar-Regolament li tippermetti lil persuni daqshekk żgħar jibbenefikaw tibqa' effettiva biss sa Diċembru 2017. Ir-Regolament tal-FEG attwali jgħolli wkoll ir-rati li bihom azzjonijiet ta' għajnuna għall-individwi huma kofinanzjati minn 50 % sa 60 % tal-għajnuna fil-livell tal-UE.

L-għan ta' din il-konsultazzjoni hu li jiġi żgurat li kemm il-pubbliku ġenerali u kif ukoll il-benefiċjarji tal-FEG u l-organizzazzjonijiet involuti fl-ippjanar u fit-twassil tal-FEG ikollhom vuċi fit-tfassil futur u fl-evalwazzjoni dwar kemm serva ta' għajjnuna l-finanzjament tal-FEG fir-rigward tal-kriterji li ġejjin:

- L-effettività: kemm l-attivitajiet kofinanzjati tal-FEG laħqu l-għanijiet tagħhom li **individwi affettwati jirnexxilhom isibu impjieg ġdid malajr**, u, skont il-każ, li jgħinu lil żgħażaġh li bħalissa mhumiex fl-educazzjoni, f'impjieg jew f'taħriġ biex isibu xogħol jew biex imorru lura lejn l-educazzjoni jew it-taħriġ.
- Is-sostenibbiltà: l-individwi li sabu impjieg (jew li qed jerġgħu lura lejn l-educazzjoni) wara l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet meġġuna mill-FEG **kienu kapaċi jżommuh dan l-impjieg** (jew jispiċċaw l-educazzjoni tagħhom) fuq perjodu ta' 6 xhur jew 12-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' għajjnuna tal-FEG.
- L-effiċjenza: **l-ispiża tal-għajjnuna mogħtija hija ġġustifikata meta mqabbla mar-riżultati miksuba...**
- Il-koerenza: valutazzjoni tal-koerenza teżamina kemm il-finanzjament tal-FEG jgħin attivitajiet oħra biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati (jew NEETs) li huma mħallsa bir-riżorsi nazzjonali jew b'Fondi Ewropej oħra (pereżempju l-Fond Soċjali Ewropej) u jekk **attivitajiet simili jew kumplementari** humiex qed jiġu ffinanzjati. Pereżempju, il-FEG jista' jiffinanzja miżuri simili ħafna għal dawk disponibbli għal ħaddiema milquta bis-sensja fil-livell nazzjonali, jew jista' jikkumplementa jew jgħin miżuri ta' dan it-tip (pereżempju billi jipproponi attivitajiet li huma aktar adattati għall-ħtiġijiet tal-individwi bħal konsulenza individwali, għajjnuna mill-gruppi ta' pari, għajjnuna għall-mobilità eċċ) jew billi jagħti l-opportunità li jiġu offruti tipi differenti ta' taħriġ jew li t-taħriġ ikun offrut fuq perjodi itwal milli kieku jkun possibbli bil-fondi nazzjonali.
- Ir-rilevanza: din il-parti tal-evalwazzjoni se teżamina jekk il-**kriterji dwar l-użu tal-FEG** (eż. l-għadd ta' ħaddiema li se jkollhom jingħataw is-sensja f'każ matul perjodu speċifiku ta' żmien li se jkunu eliġibbli; il-kriterji li s-sensji għandhom ikunu marbuta mal-globalizzazzjoni jew mal-kriżi ekonomika) jibqgħux rilevanti u jekk hux adattat li jintuża l-FEG biex tingħata għajjnuna lil żgħażaġh li mhumiex fl-educazzjoni jew f'impjieg bl-istess Fond (u jekk din is-sitwazzjoni għandhiex tibqa' hekk).
- Il-Valur miżjud tal-UE: il-kunċett ta' valur miżjud tal-UE jirreferi għall-punt sa fejn il-FEG ikkontribwixxa biex l-għajjnuna tkun disponibbli għal aktar ħaddiema ssensjati (l-effetti tal-volum) jew biex l-għajjnuna disponibbli **ssir aktar rilevanti** għas-sitwazzjoni individwali tagħhom li kieku dawn ma ngħatawx mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali. Qed jiġi evalwat ukoll jekk gruppi ta' individwi li kieku ma kellhomx aċċess għall-ebda għajjnuna fil-fatt ingħatawx għajjnuna (l-effetti tal-kamp ta' applikazzjoni); jekk it-twassil tal-miżuri ffinanzjati mill-FEG **wasslux għal tagħlim** dwar it-twassil ta' attivitajiet ta' għajjnuna effettivi, li minn dak iż-żmien 'l hawn intuża baned oħra (l-effetti tar-rwol); u jekk il-mod kif jintużaw il-fondi Ewropej jew nazzjonali, u t-tipi ta' attivitajiet li qed jingħataw għajjnuna nbidilx b'riżultat tal-użu tal-FEG (l-effetti tal-proċess).